UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW | IL-KUNSILL

Brussell, 28 ta' April 2021
(OR. en)

2018/0208 (COD)
LEX 2081

PE-CONS 24/21

JAI 405
INF 99
CADREFIN 183
FREMP 97
COPEN 182
DROIPEN 75
JUSTCIV 68
CODEC 551

# REGOLAMENT
# TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
# LI JISTABBILIXXI L-PROGRAMM DWAR IL-ĠUSTIZZJA
# U LI JĦASSAR IR-REGOLAMENT (UE) NRU 1382/2013

**REGOLAMENT (UE) 2021/...**
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-28 ta' April 2021**

**li jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja**
**u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 81(1) u (2) u l-Artikolu 82(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li jikkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja[2],

---

1 ĠU C 62, 15.2.2019, p. 178.

2 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2019 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tad-19 ta' April 2021 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali). Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ...(għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali).

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawk il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. L-Artikolu 3 TUE jispeċifika ulterjorment li l-mira tal-Unjoni hija li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benessri tal-popli tagħha u li tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha u tiżgura li jitħares u jkun żviluppat il-wirt kulturali Ewropew. Dawk il-valuri huma affermati u artikolati ulterjorment fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji mnaqqxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta").

(2) Huwa kruċjali li dawk id-drittijiet u l-valuri jkomplu jiġu kkultivati, protetti u promossi, infurzati u kondiviżi b'mod attiv fost iċ-ċittadini u l-popli u lijibqgħu jkunu fil-qalba tal-proġett tal-Unjoni, għax id-deterjorament fil-ħarsien ta' dawk id-drittijiet u l-valuri fi kwalunkwe Stat Membru jista' jkollu effetti detrimentali fuq l-Unjoni kollha kemm hi. Għaldaqstant, fil-baġit ġenerali tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi previst Fond ġdid għall-Ġustizzja, għad-Drittijiet u għall-Valuri, li jinkludi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1+] u l-Programm dwar il-Ġustizzja. Fi żmien meta s-soċjetajiet Ewropej qed iħabbtu wiċċhom ma' estremiżmu, radikaliżmu u diviżjonijiet, u l-ispazju għas-soċjetà ċivili indipendenti qed jiċkien, huwa aktar importanti iżjed minn qatt qabel il-promozzjoni, it-tisħiħ u d-difiża tal-ġustizzja, id-drittijiet u l-valuri tal-Unjoni tar-rispett tad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tad-demokrazija, tal-ugwaljanza, tal-istat tad-dritt u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Dan ser ikollu implikazzjonijiet diretti u profondi għall-ħajja politika, soċjali, kulturali u ekonomika fl-Unjoni. Bħala parti mill-Fond il-ġdid għall-Ġustizzja, għad-Drittijiet u għall-Valuri, il-Programm dwar il-Ġustizzja (il-"Programm") f'konformità mal-Programm dwar il-Ġustizzja 2014-2020 stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] ser ikompli jappoġġa l-iżvilupp ulterjuri tal-ispazju tal-ġustizzja tal-Unjoni bbażat fuq l-istat tad-dritt, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura, ir-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka, l-aċċess għall-ġustizzja u l-kooperazzjoni transkonfinali. Il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri ser jiġbor flimkien il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-2014-2020 stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] u l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014[4].

---

1 Ir-Regolament (UE) 2021/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 (ĠU L…).

\+ ĠU: daħħal fit-test in-numru u fin-nota ta' qiegħ il-paġna n-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU tar-Regolament li jinsab fid-dok. ST 6833/2020 [2018/0207 (COD)].

2 Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73).

3 Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62).

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perijodu 2014-2020 (ĠU L 115, 17.4.2014, p. 3).

(3) Jenħtieġ li l-Programm jiġi stabbilit għal perijodu ta' seba' snin biex it-tul ta' żmien tiegħu jiġi allinjat ma' dak tal-qafas finanzjarju pluriennali stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093[1].

(4) Il-Fond għall-Ġustizzja, għad-Drittijiet u għall-Valuri u ż-żewġ programmi ta' finanzjament sottostanti tiegħu ser jiffokaw fuq il-persuni u l-entitajiet li jikkontribwixxu biex il-valuri komuni u d-diversità rikka tagħna kif ukoll id-drittijiet u l-ugwaljanza jieħdu l-ħajja u jkunu vibranti. L-objettiv aħħari huwa li titrawwem u tiġi sostnuta soċjetà demokratika, inklużiva, pluralista, miftuħa, ugwali u bbażata fuq id-drittijiet. Dan jinkludi soċjetà ċivili vibranti u emanċipata bħala parti kkonċernata ewlenija, l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni demokratika, ċivika u soċjali tan-nies, u t-trawwim tad-diversità rikka tas-soċjetà Ewropea abbażi tal-valuri**,** l-istorja u l-memorja komuni tagħna. L-Artikolu 11 tat-TUE jirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mas-soċjetà ċivili u, permezz ta' mezzi xierqa, jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jsemmgħu l-fehmiet tagħhom u jiskambjaw pubblikament il-fehmiet tagħhom fl-oqsma kollha ta' azzjoni tal-Unjoni.

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

(5) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi l-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali u s-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri. Ir-rispett u l-promozzjoni tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet fundamentali u tad-demokrazija fl-Unjoni huma prerekwiżiti għaż-żamma tad-drittijiet u l-obbligi kollha imnaqqxa fit-Trattati, u biex tinbena l-fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni. Il-mod li bih l-istat tad-dritt jiġi implimentat fl-Istati Membri jaqdi rwol vitali fl-iżgurar tal-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri u bejn is-sistemi legali tagħhom. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Unjoni tadotta miżuri għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali. Sabiex jiġi żviluppat ulterjorment spazju Ewropew ta' ġustizzja, jenħtieġ li jiġu żgurati u mrawma fil-livelli kollha r-rispett għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għall-prinċipji u valuri komuni, bħan-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali abbażi tar-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 21 tal-Karta, kif ukoll is-solidarjetà, l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd, l-istat tad-dritt, id-demokrazija u sistema ġudizzjarja indipendenti li tiffunzjona tajjeb.

(6) Il-finanzjament jenħtieġ li jibqa' wieħed mill-għodod importanti biex jiġu implimentati b'suċċess il-miri ambizzjużi stabbiliti bit-Trattati. Fost miżuri oħra, Programm dwar il-Ġustizzja flessibbli u effettiv huwa kruċjali sabiex jiffaċilita l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' dawk l-għanijiet. Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat b'mod faċli għall-utent, pereżempju permezz ta' applikazzjoni u proċedura ta' rappurtar faċli għall-utent, u jenħtieġ li jimmira għal kopertura ġeografika bbilanċjata. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-aċċessibbiltà tal-Programm għat-tipi kollha ta' benefiċjarji. Fl-ambitu tal-pakkett finanzjarju għall-Programm, jenħtieġ li tinżamm ċerta flessibbiltà fl-allokazzjoni tal-fondi fost objettivi speċifiċi. Jenħtieġ li l-marġini ta' flessibbiltà jiġi allokat, bħala prijorità, għal azzjonijiet li jappoġġaw il-promozzjoni tal-istat tad-dritt.

(7) Sabiex jiġi żgurat l-istabbiliment gradwali ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għal kulħadd, l-Unjoni għandha tadotta miżuri relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali abbażi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, ħaġa li ilha element ewlieni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi ħdan l-Unjoni sa mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999. Ir-rikonoxximent reċiproku jeħtieġ livell għoli ta' fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri. Diġà ġew adottati miżuri biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri f'diversi oqsma sabiex jiġi ffaċilitat r-rikonoxximent reċiproku u titrawwem il-fiduċja reċiproka. Qasam tal-ġustizzja li jiffunzjona tajjeb, fejn jiġu eliminati l-ostakli għall-proċedimenti ġudizzjarji transkonfinali u l-aċċess għall-ġustizzja f'sitwazzjonijiet transkonfinali, huwa wkoll ta' importanza kruċjali biex jiġu żgurati t-tkabbir ekonomiku u iżjed integrazzjoni. Fl-istess ħin, spazju Ewropew ta' ġustizzja li jiffunzjona kif suppost li jinkludi sistemi legali nazzjonali effiċjenti, indipendenti u ta' kwalità, kif ukoll livell ogħla ta' fiduċja reċiproka, huma meħtieġa għal suċċess fis-suq intern u biex jiġu difiżi l-valuri komuni tal-Unjoni.

(8) L-aċċess għall-ġustizzja jenħtieġ li jinkludi, b'mod partikolari, l-aċċess għall-qrati, għal metodi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim u għal persuni f'karigi pubbliċi li huma obbligati bil-liġi li jipprovdu lill-partijiet pariri legali indipendenti u imparzjali.

(9) Ir-rispett sħiħ għall-istat tad-dritt u l-promozzjoni tiegħu, huma essenzjali għal livell għoli ta' fiduċja reċiproka fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, u b'mod partikolari għal kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva f'materji ċivili u kriminali, li hija bbażata fuq rikonoxximent reċiproku. L-istat tad-dritt huwa wieħed mill-valuri komuni stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, u l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva previst fl-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta huwa espressjoni konkreta tal-istat tad-dritt. Il-promozzjoni tal-istat tad-dritt permezz ta' appoġġ għall-isforzi biex jittejbu l-indipendenza, it-trasparenza, ir-responsabbiltà, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali, issaħħaħ il-fiduċja reċiproka, li hija indispensabbli għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali. L-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura huma parti mill-essenza tad-dritt għal proċess ġust u huma essenzjali għall-protezzjoni tal-valuri Ewropej. Barra minn hekk, sistemi ġudizzjarji effiċjenti bi skadenzi raġonevoli għall-proċedimenti jipprovdu ċ-ċertezza legali għall-partijiet kollha kkonċernati.

(10) Skont il-punt (h) tal-Artikolu 81(2) u l-punt (c) tal-Artikolu 82(1) TFUE, l-Unjoni għandha tappoġġa t-taħriġ tal-ġudikatura u tal-persunal ġudizzjarju bħala mezz biex tiżviluppa l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji. L-għoti ta' taħriġ lill-professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja huwa għodda importanti għall-iżvilupp ta' fehim komuni ta' kif l-aħjar jiġu implimentati u jitħarsu l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. Dan jikkontribwixxi għall-bini tal-ispazju Ewropew tal-ġustizzja billi joħloq kultura ġudizzjarja komuni fost il-professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja tal-Istati Membri. Huwa essenzjali li tiġi żgurata applikazzjoni nondiskriminatorja, korretta,koerenti u konsistenti tal-liġi fl-Unjoni u li jkun hemm fiduċja u fehim reċiproċi bejn il-professjonisti tal-ġustizzja fi proċedimenti transkonfinali. L-attivitajiet ta' taħriġ appoġġati mill-Programm jenħtieġ li jkunu bbażati fuq valutazzjoni rigoruża tal-bżonnijiet tat-taħriġ, jużaw metodoloġiji tat-taħriġ bl-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, jinkludu avvenimenti transkonfinali li jinvolvu lil professjonisti tal-ġustizzja minn Stati Membri differenti, ikunu magħmulin minn elementi ta' tagħlim u networking attivi u jkunu sostenibbli. Dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jinkludu taħriġ dwar it-terminoloġija legali, il-liġi ċivili u kriminali, u d-drittijiet fundamentali, u dwar ir-rikonoxximent reċiproku kif ukoll is-salvagwardji proċedurali. Tali attivitajiet jenħtieġ li jinkludu wkoll korsijiet ta' taħriġ għall-imħallfin, l-avukati u l-prosekuturi fir-rigward tal-isfidi u l-ostakli esperjenzati minn persuni li ta' spiss jiffaċċjaw diskriminazzjoni jew li jinsabu f'sitwazzjoni vulnerabbli, bħan-nisa, it-tfal, il-minoranzi, il-persuni LGBTIQ, il-persuni b'diżabilità, u l-vittmi ta' vjolenza sessista, vjolenza domestika jew vjolenza f'relazzjonijiet intimi, u forom oħra ta' vjolenza interpersonali. Tali korsijiet ta' taħriġ jenħtieġ li jiġu organizzati bl-involviment dirett ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw jew jappoġġaw tali persuni u, fejn possibbli, bl-involviment ta' dawn tal-aħħar. Meta jitqies il-fatt li n-nisa huma sottorappreżentati fl-ogħla pożizzjonijiet fi ħdan il-ġudikatura, jenħtieġ li n-nisa mħallfin, in-nisa prosekuturi u n-nisa fi professjonijiet legali oħra jiġu mħeġġa jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ.

(11) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "ġudikatura u persunal ġudizzjarju" jenħtieġ li jiġi interpretat b'mod miftuħ sabiex jinkludi mħallfin, prosekuturi, il-persunal tal-qorti u tal-uffiċċju tal-prosekutur, kif ukoll kwalunkwe professjonisti oħra tal-ġustizzja assoċjati mal-ġudikatura jew li b'xi mod ieħor jipparteċipaw fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, irrispettivament mid-definizzjoni fil-liġi nazzjonali, l-istatus legali jew l-organizzazzjoni interna tagħhom, bħal avukati, nutara, uffiċjali ġudizzjarji jew uffiċjali tal-infurzar, prattikanti fl-insolvenza, medjaturi, interpreti u tradutturi tal-qorti, esperti tal-qorti, persunal tal-ħabs u l-uffiċjali tal-probazzjoni.

(12) It-taħriġ ġudizzjarju jista' jinvolvi atturi differenti, bħall-awtoritajiet legali, ġudizzjarji u amministrattivi tal-Istati Membri, istituzzjonijiet akkademiċi, korpi nazzjonali responsabbli għat-taħriġ ġudizzjarju, organizzazzjonijiet jew networks ta' taħriġ fil-livell Ewropew, jew networks ta' koordinaturi tal-qorti tal-liġi tal-Unjoni. Il-korpi u l-entitajiet li jfittxu interess ġenerali Ewropew fil-qasam tat-taħriġ tal-ġudikatura u tal-persunal ġudizzjarju, bħan-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN), l-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA), in-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (ENCJ), l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġurisdizzjonijiet Amministrattivi Supremi tal-Unjoni Ewropea (ACA-Europe), in-Network tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Unjoni Ewropea (EUSJC ) u l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA), ikomplu jaqdu r-rwol tagħhom fil-promozzjoni ta' programmi ta' taħriġ b'dimensjoni Ewropea ġenwina għall-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju, u tali korpi jew entitajiet għaldaqstant ikunu jistgħu jingħataw appoġġ finanzjarju adegwat f'konformità mal-proċeduri u l-kriterji stabbiliti fil-programmi ta' ħidma adottati mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.

(13) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-programm ta' ħidma annwali tal-EJTN, li huwa attur essenzjali fir-rigward tat-taħriġ ġudizzjarju. L-EJTN jinsab f'sitwazzjoni eċċezzjonali, minħabba li huwa l-uniku network fil-livell tal-Unjoni li jiġbor flimkien lill-korpi ta' taħriġ ġudizzjarju tal-Istati Membri. Dan jinsab f'pożizzjoni unika biex jorganizza skambji għal imħallfin u prosekuturi ġodda kif ukoll dawk esperjenzati bejn l-Istati Membri kollha, u biex jikkoordina l-ħidma tal-korpi nazzjonali ta' taħriġ ġudizzjarju rigward l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ dwar il-liġi tal-Unjoni u l-promozzjoni ta' prattiki tajba ta' taħriġ. L-EJTN huwa wkoll fornitur ta' attivitajiet ta' taħriġ ta' kwalità eċċellenti mwassla bl-aktar mod kosteffiċjenti fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, jinkludi wkoll lill-korpi ta' taħriġ ġudizzjarju ta' pajjiżi kandidati bħala membri osservaturi. Ir-rapport annwali tal-EJTN jenħtieġ li jinkludi informazzjoni dwar it-taħriġ ipprovdut, imqassam skont, fost oħrajn, il-kategorija tal-persunal.

(14) Il-miżuri skont il-Programm jenħtieġ li jappoġġaw ir-rikonoxximent reċiproku msaħħaħ ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji ċivili u kriminali, fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri u l-approssimazzjoni neċessarja ta' leġislazzjoni biex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti kollha, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi. Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa wkoll il-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet individwali f'materji ċivili u kummerċjali. Jenħtieġ ukoll li jippromwovi konverġenza akbar fil-liġi ċivili, li tgħin biex jiġu eliminati l-ostakli għal proċeduri ġudizzjarji u extraġudizzjarji li jiffunzjonaw b'mod sodisfaċenti u b'mod effiċjenti għall-benefiċċju ta' kull parti f'tilwim ċivili. Fl-aħħar nett, sabiex jiġu appoġġati l-infurzar effettiv u l-applikazzjoni prattika tal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-funzjonament tan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE[1]. F'materji kriminali, il-Programm jenħtieġ li jgħin biex jitrawmu u jiġu implimentati regoli u proċeduri sabiex jiġi żgurat ir-rikonoxximent tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet fl-Unjoni kollha. Jenħtieġ li jiffaċilita l-kooperazzjoni u jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tal-ostakli għall-kooperazzjoni effettiva u għall-fiduċja reċiproka. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll biex jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja, billi jiġu promossi u appoġġati d-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità kif ukoll id-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati u tal-persuni akkużati fi proċedimenti kriminali.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta’ Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25).

(15) Skont l-Artikolu 3TUE, l-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, u jenħtieġ li jintegra l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha tiegħu. Għal dak il-għan, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lil azzjonijiet li għandhom l-għan li jħarsu d-drittijiet tat-tfal fil-kuntest tal-ġustizzja ċivili u kriminali, inkluż il-protezzjoni tat-tfal li jakkumpanjaw lill-ġenituri f'detenzjoni, it-tfal ta' ġenituri li jkunu l-ħabs u t-tfal li huma suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali.

(16) Il-Programm dwar il-Ġustizzja 2014-2020 ippermetta l-għoti ta' attivitajiet ta' taħriġ dwar il-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-fini u l-applikazzjoni tal-Karta, immirati lejn il-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Ottubru 2017 dwar l-applikazzjoni tal-Karta fl-2016, il-Kunsill fakkar fl-importanza li jixxerred l-għarfien fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Karta, inkluż fost dawk li jfasslu l-politika, il-prattikanti legali u d-detenturi stess tad-drittijiet, fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, sabiex id-drittijiet fundamentali jiġu armonizzati b'mod konsistenti, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju jiġi estiż għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għal awtoritajiet pubbliċi għajr l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-prattikanti legali.

(17) Skont l-Artikolu 67 TFUE, l-Unjoni għandha tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali. L-aċċess nondiskriminatorju għall-ġustizzja għal kulħadd huwa strumentali f'dan ir-rigward. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess effettiv għall-ġustizzja, u bil-għan li titrawwem il-fiduċja reċiproka li hija indispensabbli għall-funzjonament sodisfaċenti tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li jiġi estiż l-appoġġ finanzjarju għal attivitajiet fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali ta' awtoritajiet għajr l-awtoritajiet ġudizzjarji, ta' prattikanti legali u ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li jikkontribwixxu għal dawn l-objettivi. Jenħtieġ li jingħata appoġġ, b'mod partikolari, għal attivitajiet li jiffaċilitaw aċċess effettiv u ugwali għall-ġustizzja għal persuni li ta' spiss iħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni jew li qegħdin f'sitwazzjoni vulnerabbli. Huwa importanti li jiġu appoġġati attivitajiet ta' promozzjoni ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħan-networking, il-litigazzjoni, il-parteċipazzjoni f'kampanji, il-komunikazzjoni u attivitajiet oħra ta' sorveljanza. F'dan il-kuntest, il-professjonisti tal-ġustizzja assoċjati mal-ġudikatura u li jaħdmu għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ukoll rwol importanti x'jaqdu.

(18) F'konformità mal-Artikoli 8 u 10 TFUE, fl-attivitajiet kollha tiegħu, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tan-nondiskriminazzjoni. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tikkonferma d-dritt għal kapaċità ġuridika sħiħa u aċċess għall-ġustizzja għal persuni b'diżabilità. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni interim u dik finali tal-Programm jevalwaw l-impatti fuq is-sessi sabiex jiġi vvalutat il-punt sa fejn dan qed jikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn is-sessi u biex jiġi vvalutat jekk il-Programm hux qed ikollu impatti negattivi mhux intenzjonati fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, f'konformità mal-punt 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewopea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprja ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprja ġodda[1] (il-"Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020"). F'dan il-kuntest u filwaqt li jitqiesu n-natura u d-daqs differenti tal-attivitajiet tal-objettivi speċifiċi tal-Programm, ikun importanti li, kull meta jkun possibbli, id-data individwali miġbura mill-promoturi tal-proġett tinqasam skont is-sess. Huwa importanti wkoll li l-applikanti jingħataw informazzjoni dwar kif għandhom iqisu l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż informazzjoni dwar l-użu ta' għodod għall-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi bħall-ibbaġitjar skont is-sessi u valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sessi fejn ikun neċessarju. Jenħtieġ li jiġi kkunsidrat il-bilanċ bejn is-sessi meta jiġu kkonsultati esperti u partijiet ikkonċernati.

---

1 ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

(19) Fl-attivitajiet kollha tiegħu u fejn rilevanti, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa u jipproteġi wkoll id-drittijiet tal-vittmi kemm f'materji ċivili kif ukoll f'dawk kriminali. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex jittejbu l-implimentazzjoni tad-diversi strumenti tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-vittmi, u għall-koordinazzjoni bejniethom, kif ukoll għall-azzjonijiet immirati lejn l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-qrati u l-prattikanti legali li jaħdmu fuq każijiet ta' vjolenza. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll it-titjib tal-għarfien u l-użu ta' strumenti ta' rimedju kollettiv.

(20) L-azzjonijiet koperti bil-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja, filwaqt li jrawmu l-indipendenza u l-effiċjenza tas-sistema legali, isaħħu l-kooperazzjoni u n-networking transkonfinali, li jirfdu l-fiduċja reċiproka bejn il-ġudikaturi tal-Istati Membri u billi jiżguraw l-applikazzjoni korretta, koerenti u konsistenti tal-liġi tal-Unjoni. L-attivitajiet ta' finanzjament jenħtieġ ukoll li jikkontribwixxu għal fehim komuni tal-valuri tal-Unjoni u tal-istat tad-dritt, għal għarfien aħjar tal-liġi u l-politiki tal-Unjoni, għall-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-aħjar prattiki fl-użu ta' strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja mill-partijiet ikkonċernati kollha kkonċernati, kif ukoll għal proliferazzjoni u promozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali interoperabbli li jirfdu l-kooperazzjoni transkonfinali effiċjenti u bla xkiel, u jenħtieġ li dawn jipprovdu bażi analitika soda għall-appoġġ tal-iżvilupp, l-infurzar u l-fehim u implimentazzjoni xierqa tal-liġi u l-politiki tal-Unjoni. L-intervent tal-Unjoni jippermetti li dawk l-azzjonijiet jitwettqu b'mod konsistenti fl-Unjoni kollha u jwassal għal ekonomiji ta' skala. Barra minn hekk, l-Unjoni tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tindirizza sitwazzjonijiet transkonfinali u tipprovdi pjattaforma Ewropea għal tagħlim reċiproku u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

(21) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, kull meta l-liġi tal-Unjoni jkollha dimensjoni esterna, b'kont meħud tal-konsegwenzi esterni, sabiex jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja u jiffaċilita l-indirizzar tal-isfidi ġudizzjarji u proċedurali.

(22) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura konsistenza kumplessiva, komplementarjetà u sinerġiji mal-ħidma tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, b’mod partikolari, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta’ Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), u jenħtieġ li tqis il-ħidma ta' atturi nazzjonali u internazzjonali oħra fl-oqsma koperti mill-Programm.

(23) Sabiex tiġi żgurata l-allokazzjoni effiċjenti tal-fondi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, hemm bżonn li jiġi żgurat li l-azzjonijiet kollha mwettqa taħt il-Programm ikollhom valur miżjud tal-Unjoni, jikkumplimentaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri u jkunu konsistenti ma' azzjonijiet oħra tal-Unjoni. Il-konsistenza, il-kumplementarjetà u s-sinerġiji jenħtieġ li jiġu mfittxija permezz tal-programmi ta' finanzjament li jappoġġaw oqsma ta' politika li huma interkonnessi mill-qrib, b'mod partikolari mal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, kif ukoll mal-Programm dwar is-Suq Uniku, stabbilit bir-Regolament (UE) ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1+], il-programmi fl-oqsma tal-ġestjoni u s-sigurtà tal-fruntieri, b'mod partikolari il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, u l-Fond għas-Sigurtà Interna, programmi fil-qasam tal-infrastruttura strateġika, b'mod partikolari l-Programm Ewropa Diġitali, stabbilit bir-Regolament (UE) ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2++], l-Erasmus+, stabbilit bir-Regolament (UE) .... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3+++], Orizzont Ewropa, stabbilit bir-Regolament (UE) ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4++++], l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Programm LIFE, stabbilit bir-Regolament (UE) ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5+++++].

---

1 Ir-Regolament (UE) ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi l-Programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (il-Programm dwar is-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L …).

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fil-parti prinċipali tat-test, in-numru u fin-nota f'qiegħ il-paġna n-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU tar-Regolament li jinsab fid-dok ST 14281/20 [2018/0231 (COD)].

2 Ir-Regolament (UE) ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L …).

++ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fil-parti prinċipali tat-test, in-numru u fin-nota f'qiegħ il-paġna n-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU tar-Regolament li jinsab fid-dok ST 6789/20 [2018/0227 (COD)].

3 Ir-Regolament (UE) ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi l-Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L ...).

+++ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fil-parti prinċipali tat-test, in-numru u fin-nota f'qiegħ il-paġna n-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU tar-Regolament li jinsab fid-dok ST14148/20 [2018/0191 (COD)].

4 Ir-Regolament (UE) ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L …).

++++ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fil-parti prinċipali tat-test, in-numru u fin-nota f'qiegħ il-paġna n-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU tar-Regolament li jinsab fid-dok ST 7064/20 [2018/0224 (COD)].

5 Ir-Regolament (UE) ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L …).

+++++ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fil-parti prinċipali tat-test, in-numru u fin-nota f'qiegħ il-paġna n-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU tar-Regolament li jinsab fid-dok ST 6077/20 [2018/0209 (COD)].

(24) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul kollu tal-Programm, li jrid jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, skont it-tifsira tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

(25) F'konformità mal-Artikolu 193(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] (ir-"Regolament Finanzjarju"), tista' tingħata għotja għal azzjoni li tkun diġà bdiet, dment li l-applikant ikun jista' juri l-ħtieġa li jibda l-azzjoni qabel il-firma tal-ftehim ta' għotja. Madankollu, il-kostijiet imġarrba qabel id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal għotja mhumiex eliġibbli, ħlief f'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fl-appoġġ tal-Unjoni li jista' jkun ta' preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun possibbli, għal perijodu limitat ta' żmien fil-bidu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, li l-kostijiet imġarrba fir-rigward ta' azzjonijiet appoġġati taħt dan ir-Regolament li diġà nbdew jitqiesu eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2021, anki jekk dawn iġarrbu qabel ma ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal għotja.

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(26) Ir-Regolament Finanzjarju japplika għall-Programm. Ir-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar għotjiet, premjijiet, akkwist, ġestjoni indiretta, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u r-rimborż ta' esperti esterni.

(27) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu abbażi tal-kapaċità tagħhom li jiksbu l-objettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu riżultati, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv, il-kapaċità tal-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-benefiċjarji fil-mira, u r-riskju mistenni tan-nuqqas ta' konformità. Dan jenħtieġ li jinkludi kunsiderazzjoni tal-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u kostijiet ta' unità, kif ukoll ta' finanzjament mhux marbut ma' kostijiet kif imsemmija fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

(28) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[2], (Euratom, KE) Nru 2185/96[3] u (UE) 2017/1939[4], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż miżuri relatati mal-prevenzjoni, is-sejbien, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, mal-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u fejn xieraq, mal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-UPPE għandu s-setgħa, f'konformità imar-Regolament (UE) 2017/1939, li jinvestiga u jressaq għal prosekuzzjoni reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

1 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

5 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

(29) Il-pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jieħdu sehem fil-programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilit skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[1], li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi abbażi ta' deċiżjoni adottata skont dak il-Ftehim. Pajjiżi terzi jistgħu wkoll jieħdu sehem abbażi ta' strumenti ġuridiċi oħrajn. F’dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika li tirrikjedi li pajjiżi terzi jagħtu d-drittijiet u l-aċċess neċessarji meħtieġa biex l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b’mod komprensiv.

(30) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 TFUE japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet u implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu kontrolli tar-responsabbiltà ta' atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jinkludu wkoll reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

(31) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE[2], il-persuni u korpi pubbliċi u/jew privati u istituzzjonijiet rilevanti f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u l-objettivi tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li magħhom il-pajjiż jew it-territorju extra-Ewropew rilevanti huwa marbut.

---

1 ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija) (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

(32) Filwaqt li jirrifletti l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni meħuda għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil tal-Klima u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Programm huwa maħsub li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' azzjoni klimatika u għall-kisba ta' mira ġenerali ta' 30 % tal-infiq tal-baġit tal-Unjoni li jappoġġa l-objettivi klimatiċi u l-ambizzjoni li, fl-2024, 7,5 % tal-baġit tal-Unjoni jkun allokat għal infiq tal-bijodiversità u 10 % fl-2026 u fl-2027 filwaqt li jitqiesu d-duplikazzjonijiet eżistenti bejn l-għanijiet klimatiċi u tal-bijodiversità. Il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet li jirrispettaw l-istandards u l-prijoritajiet klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni u l-prinċipju 'la tagħmilx ħsara' tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-azzjonijiet rilevanti għandhom jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm, u jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u l-proċessi ta' rieżami rilevanti.

(33) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[1], jenħtieġ li dan il-Programm jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità ma' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġi evitat il-piż amministrattiv, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri, kif ukoll ir-regolamentazzjoni żejda. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fil-prattika. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta kull sena dwar il-prestazzjoni tal-Programm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fi ħdan il-mekkaniżmi ta' rappurtar eżistenti, b'mod partikolari t-tabella ta' valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE.

1 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(34) Sabiex tiżgura l-valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-objettivi tiegħu, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward ta' indikaturi kif indikat fl-Artikoli 13 u 15 u fl-Anness II. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija , ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(35) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(36) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja bbażat fuq l-istat tad-dritt, ir-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka, b'mod partikolari billi jippromwovi l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(37) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1382/2013 jitħassar.

(38) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti u sabiex l-implimentazzjoni tkun tista' ssir mill-bidu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza u jenħtieġ li japplika, b'effett retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2021.

(39) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(40) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# Kapitolu I
# Dispożizzjonijiet Ġenerali

*Artikolu 1*

*Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm dwar il-Ġustizzja (il-"Programm") għat-tul tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, kif stabbilit fir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093.

Huwa jistabbilixxi l-objettivi tal-Programm, il-baġit għall-perijodu 2021-2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament.

*Artikolu 2*

*Definizzjoni*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "ġudikatura u persunal ġudizzjarju" tfisser l-imħallfin, il-prosekuturi u membri tal-persunal tal-qorti u tal-uffiċċji tal-prosekutur, kif ukoll kwalunkwe professjonist ieħor tal-ġustizzja assoċjat mal-ġudikatura.

*Artikolu 3*

*Objettivi tal-Programm*

1. Il-Programm għandu l-objettiv ġenerali li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja bbażat fuq l-istat tad-dritt, inkluż l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura, fuq ir-rikonoxximent reċiproku u l-fiduċja reċiproka, u fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja, biex b'hekk isaħħaħ ukoll id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

2. Fl-ambitu tal-objettiv ġenerali stabbilit fil-paragrafu 1, il-Programm għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

   (a) li jiffaċilita u jappoġġa l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, u jippromwovi l-istat tad-dritt u l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura, inkluż permezz tal-appoġġ lill-isforzi għat-titjib tal-effettività tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali u l-infurzar effettiv tad-deċiżjonijiet;

   (b) li jappoġġa u jippromwovi t-taħriġ ġudizzjarju, bil-ħsieb li titrawwem kultura komuni legali u ġudizzjarja kif ukoll kultura bbażata fuq l-istat tad-dritt, u li jappoġġa u jippromwovi l-implimentazzjoni konsistenti u effettiva tal-istrumenti legali tal-Unjoni li huma rilevanti fil-kuntest tal-Programm;

(c) li jiffaċilita l-aċċess effettiv u nondiskriminatorju għall-ġustizzja għal kulħadd**,** u rimedju effettiv, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi (il-ġustizzja elettronika), permezz tal-promozzjoni ta' proċeduri ċivili u kriminali effiċjenti u l-promozzjoni u l-appoġġ tad-drittijiet tal-vittmi kollha ta' reati kriminali kif ukoll id-drittijiet proċedurali tas-suspettati u tal-persuni akkużati fi proċedimenti kriminali.

*Artikolu 4*

*Integrazzjoni*

Fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha tiegħu, il-Programm għandu jfittex li jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tat-tfal, inkluż permezz ta' ġustizzja adattata għat-tfal, il-protezzjoni tal-vittmi u l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju tal-ugwaljanza tad-drittijiet u tan-nondiskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 21 tal-Karta, f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta u fil-limiti stabbiliti minnu.

*Artikolu 5*

*Baġit*

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2021 sal-31 ta’ Diċembru 2027 għandu jkun ta' EUR 305 000 000 f'termini ta' prezzijiet attwali.

2. L-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni, inkluż sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

3. F'konformità mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 193(2) tar-Regolament Finanzjarju, b'kont meħud tad-dħul fis-seħħ tardiva ta' dan ir-Regolament u sabiex tiġi żgurata l-kontinwità, għal perijodu limitat, il-kostijiet imġarrba fir-rigward ta' azzjonijiet appoġġati taħt dan ir-Regolament jistgħu jitqiesu eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2021, anki jekk dawn iġarrbu qabel ma ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal għotja.

4. Fl-ambitu tal-pakkett finanzjarju għall-Programm, l-ammonti għandhom ikunu allokati għal kull objettiv speċifiku skont il-perċentwali stipulati fl-Anness I.

5. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lill-Programm soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26 ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Politika dwar il-Viżi (ir-"Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027"). Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament f'konformità mal-punt (c) ta' dak is-subparagrafu. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 6*

*Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm*

Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin:

(a) membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-ŻEE, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;

(b) pajjiżi fil-proċess tal-adeżjoni mal-Unjoni, pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rispettivi jew fi ftehimiet simili u skont il-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

(c) pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rispettivi, jew fi ftehimiet simili, u skont il-kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi;

(d) pajjiżi terzi oħra, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, dment li l-ftehim:

(i) jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni;

(ii) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi, inkluż il-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali, u l-kostijiet amministrattivi tagħhom;

(iii) ma jagħti l-ebda setgħa ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet lill-pajjiż terz fir-rigward tal-programm tal-Unjoni;

(iv) jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha.

Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (d)(ii) tal-ewwel subparagrafu għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 7*

*Implimentazzjoni u forom ta' finanzjament mill-Unjoni*

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta skont ir-Regolament Finanzjarju jew b'ġestjoni indiretta mill-korpi msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tiegħu.

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stipulati fir-Regolament Finanzjarju.

3. Kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta' assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta' fondi dovuti minn riċevituri u għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti skont ir-Regolament Finanzjarju. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 37(7) tar-Regolament (UE) …/… [+].

[+] ĠU: daħħal fil-korp tat-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dok 7064/20 (2018/0224).

*Artikolu 8*

*Tipi ta' azzjoni*

L-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-kisba ta' objettiv speċifiku kif stabbilit fl-Artikolu 3 jistgħu jirċievu finanzjament skont dan ir-Regolament. B'mod partikolari, l-attivitajiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament:

(a) is-sensibilizzazzjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni biex jitjieb l-għarfien tal-politiki tal-Unjoni u tal-liġi tal-Unjoni, inkluż il-liġi sostantiva u proċedurali, l-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-liġi komparattiva u l-istandards Ewropej u internazzjonali, inkluż il-fehim tal-interazzjoni bejn oqsma differenti tal-liġi;

(b) it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba fost il-partijiet ikkonċernati biex jittejbu l-għarfien u l-komprensjoni reċiproka tal-liġi ċivili u kriminali u tas-sistemi legali u ġudizzjarji tal-Istati Membri, inkluż l-istat tad-dritt u l-aċċess għall-ġustizzja, u biex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka;

(c) l-attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ biex jittejbu l-għarfien u l-fehim ta' ostakli potenzjali għall-funzjonament bla xkiel tal-ispazju Ewropew ta' ġustizzja, u biex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-liġi u l-politiki tal-Unjoni fl-Istati Membri, bħal attivitajiet li jinkludu l-ġbir ta' data u statistika; l-iżvilupp ta' metodoloġiji komuni u, fejn xieraq, ta’ indikaturi jew ta’ punti ta' riferiment; studji, riċerka, analiżi u stħarriġ; evalwazzjonijiet; valutazzjoni tal-impatt; u l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' gwidi, rapporti u materjal edukattiv;

(d) it-taħriġ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jittejjeb l-għarfien tal-liġi u tal-politiki tal-Unjoni, inkluż il-liġi sostantiva u proċedurali, id-drittijiet fundamentali, l-użu tal-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni, il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-lingwaġġ legali u l-liġi komparattiva;

(e) l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) kif ukoll ta' għodod tal-ġustizzja elettronika, b'kont meħud tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data, biex jittejbu l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji u l-kooperazzjoni bejniethom permezz tal-ICT, inkluż l-interoperabbiltà transkonfinali tas-sistemi u l-applikazzjonijiet;

(f) l-iżvilupp tal-kapaċità ta' networks ewlenin fil-livell Ewropew u ta' networks ġudizzjarji Ewropej, inklużi networks stabbiliti bil-liġi tal-Unjoni sabiex jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi tal-liġi tal-Unjoni, jiġu promossi u żviluppati aktar il-liġi, il-valuri, l-għanijiet ta' politika u l-istrateġiji tal-Unjoni fl-oqsma tal-Programm;

(g) l-appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati mingħajr skop ta' qligħ u li huma attivi fl-oqsma koperti mill-Programm sabiex tiżdied il-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu u li joffru sostenn kif ukoll li jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess adegwat għas-servizzi, għall-attivitajiet ta' konsulenza u għall-attivitajiet ta' appoġġ tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;

(h) it-titjib tal-għarfien tal-Programm u d-disseminazzjoni, it-trasferibbiltà u t-trasparenza tar-riżultati tiegħu u t-trawwim ta' sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini, inkluż billi jiġu organizzati fora għal diskussjoni fost il-partijiet ikkonċernati.

# Kapitolu II
# Għotjiet

*Artikolu 9*

*Għotjiet*

1. L-għotjiet skont il-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġestiti f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni jistgħu jkunu esperti esterni.

*Artikolu 10*

*Finanzjament kumulattiv u alternattiv*

1. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni skont il-Programm tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni minn programm ieħor tal-Unjoni, inkluż minn fondi b'ġestjoni kondiviża, dment li l-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni. L-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkulat fuq bażi prorata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-appoġġ.

2. L-azzjonijiet mogħtija tikketta tas-Siġill ta' Eċċellenza taħt il-Programm jistgħu jirċievu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jew mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, f'konformità mal-Artikolu 73(4) tal-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-2021-2027) jekk jikkonformaw mal-kondizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) ikunu ġew ivvalutati f'sejħa għal proposti skont il-Programm;

(b) jikkonformaw mal-ħtiġijiet minimi ta' kwalità ta' din is-sejħa għal proposti;

(c) ma jistgħux jiġu ffinanzjati skont din is-sejħa għal proposti minħabba restrizzjonijiet baġitarji.

*Artikolu 11*

*Entitajiet eliġibbli*

1. Il-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw flimkien mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 197 tar-Regolament Finanzjarju.

2. Għandhom ikunu eliġibbli l-entitajiet li ġejjin:

(a) kwalunkwe entità ġuridika stabbilita fi:

(i) Stat Membru, jew pajjiż jew territorju extra-Ewropew marbut miegħu;

(ii) pajjiż terz assoċjat mal-Programm;

(b) kwalunkwe entità ġuridika maħluqa skont il-liġi tal-Unjoni, jew kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali.

3. Il-Programm għandu jappoġġa l-infiq tal-ETJN assoċjat mal-programm ta' ħidma permanenti tiegħu, u kwalunkwe għotja operattiva għal dak il-għan għandha tingħata mingħajr sejħa għal proposti f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

## Kapitolu III
## Programmazzjoni, Monitoraġġ, Evalwazzjoni u Kontroll

*Artikolu 12*

*Programm ta' ħidma*

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.

2. Il-programm ta' ħidma għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18.

*Artikolu 13*

*Monitoraġġ u rappurtar*

L-indikaturi għar-rappurtar dwar il-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-objettivi ġenerali u speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3 jinsabu fl-Anness II.

Biex tiżgura l-valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-objettivi tiegħu, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 15, sabiex temenda l-Anness II fir-rigward tal-indikaturi fejn dan ikun ikkunsidrat neċessarju kif ukoll biex tissupplimenta dan ir-Regolament bid-dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta’ qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni.

Is-sistema ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-riżulatati tal-Programm jinġabru b'mod effiċjenti, effettiv, u f'waqtu. Għal dak il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rappurtar proporzjonat fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni u, fejn xieraq, fuq l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena dwar il-prestazzjoni tal-Programm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fi ħdan il-mekkaniżmi ta' rappurtar eżistenti, b'mod partikolari t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-użu tal-fondi allokati għal kull objettiv speċifiku. Fir-rapport tagħha, hija għandha tispeċifika t-tipi ta' azzjoni li rċevew finanzjament, inkluż azzjonijiet marbuta mal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Parlament Ewropew jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tieħu kont debitu ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

*Artikolu 14*

*Evalwazzjoni*

1. L-evalwazzjonijiet tal-Programm għandhom jitwettqu f'waqthom bil-għan li jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

2. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni interim tal-Programm ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tiegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali tal-Programm fi tmiem tal-implimentazzjoni tiegħu, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmiem tal-perijodu speċifikat fl-Artikolu 1.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

*Artikolu 15*

*Eżerċizzju tad-delega*

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu..

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 13 għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2027.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 13 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 16*

*Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

Meta pajjiż terz jieħu sehem fil-Programm permezz ta' deċiżjoni adottata skont ftehim internazzjonali jew abbażi ta' kwalunkwe strument ġuridiku ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji meħtieġa biex l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b’mod komprensiv. Fil-każ tal-OLAF, dawn id-drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

# Kapitolu IV
# Dispożizzjonijiet Tranżitorji u Finali

*Artikolu 17*

*Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità*

Ir-riċevituri ta' finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini ta' dawk il-fondi u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inkluż lill-media u lill-pubbliku.

Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm mal-azzjonijiet meħuda skont il-Programm u mar-riżultati miksuba.

Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawk il-prioritajiet ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

*Artikolu 18*

*Proċedura ta' kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 19*

*Tħassir*

Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

*Artikolu 20*

*Dispożizzjonijiet tranżitorji*

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika ta’ azzjonijiet mibdija skont ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013, li għandu jibqa’ japplika għal dawk l-azzjonijiet sal-għeluq tagħhom.

2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013.

3. Jekk ikun meħtieġ, jistgħu jiddaħħlu approprjazzjonijiet fil-baġit tal-Unjoni lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż previsti fl-Artikolu 5(2), biex tkun tista' ssir il-ġestjoni tal-azzjonijiet li ma jkunux tlestew sal-31 ta' Diċembru 2027.

*Artikolu 21*

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## ANNESS I

Fl-ambitu tal-pakkett finanzjarju tal-Programm, l-ammonti għandhom jiġu allokati kif ġej għal kull objettiv speċifiku:

(a) 27 % għall-objettiv speċifiku msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 3(2);

(b) 36 % għall-objettiv speċifiku msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2);

(c) 27 % għall-objettiv speċifiku msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 3(2);

(d) 10 % għal kwalunkwe wieħed mill-objettivi msemmija fl-Artikolu 3(2).

## ANNESS II

INDIKATURI

Il-Programm għandu jiġi mmonitorjat abbażi ta' sett ta' indikaturi intiżi biex ikejlu sa fejn l-objettivi ġenerali u speċifiċi tiegħu jkunu ntlaħqu filwaqt li jiġu minimizzati l-piż u l-kostijiet amministrattivi. Għal dak il-għan, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet relatati mal-privatezza u l-protezzjoni tad-data, ser tinġabar data fir-rigward tas-sett ta' indikaturi li ġejjin:

(1) l-għadd ta' membri tal-ġudikatura u ta' persunal ġudizzjarju li pparteċipaw f'attivitajiet ta' taħriġ (inklużi skambji ta' persunal, żjarat ta' studju, sessjonijiet ta' ħidma u seminars) iffinanzjati mill-Programm, inkluż permezz ta' għotja operattiva tal-EJTN;

(2) l-għadd ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili appoġġati mill-Programm;

(3) l-għadd ta' skambji ta' informazzjoni fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS);

(4) l-għadd ta' hits fil-portal tal-Ġustizzja elettronika / il-paġni li jindirizzaw il-ħtieġa għal informazzjoni dwar kawżi ċivili u kriminali transkonfinali;

(5) l-għadd ta' nies f'kull objettiv speċifiku li pparteċipaw fi:

(a) attivitajiet ta’ tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba;

(b) attivitajiet relatati mas-sensibilizzazzjoni u l-informazzjoni, u mad-disseminazzjoni ta' informazzjoni.

Id-data individwali kollha għandha tinqasam skont is-sess kull meta jkun possibbli. L-evalwazzjonijiet interim u finali tal-Programm għandhom jiffukaw fuq kull objettiv speċifiku, u għandhom jinkludu perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi u jevalwaw l-impatti fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi.